# Marċi mill-Arkivji tal-Banda Prekursur, Xewkija "Balfrendozan"

## Is-Surmast il-Maġġur Anthony Aquilina

John B. Camilleri - P.R.O.

Is-Surmast il-Maġġur Anthony Aquilina, baqa' magħruf għal ħafna marċi personalizzati li kiteb. L-istil tal-marċi tiegħu jingħaraf mal-ewwel erba' battuti; stil militari, Mediterranju u drabi b'laqta Spanjola.

Il-Maġġur Aquilina ħallielna ħafna marċi brijużi kollha sbieħ u allegri.

Balfrendozan, huwa meqjuż minn ħafna bħal l-marċ kapulavur tiegħu. Għalih personali, kien il-favorit; il-mimmi t'għajnejh.

Din is-sena, dan il-marċ se jagħlaq 55 sena. Ħareġ mill-pinna mużikali tal-kompożitur sewwa sew fis-sena l958. Kien wieħed mill-ewwel marċi brijużi li l-Maġġur ikkompona meta nħatar surmast direttur tas-Soċjetà King's Own, tal-Belt Valletta. Indaqq għall-ewwel darba mill-Banda Kings Own stess meta iżżanżan fil-festa tant popolari ta' San Duminku li tiġi ċċelebrata ġewwa l-Belt Valletta.

Il-Maġġur, semma dan il-marċ għal żewġt iħbieb tiegħu it-tnejn mill-Belt. Wieħed kien Duminku Frendo, magħruf ma' sħabu bħala it-Tikka, u sid ta' ħanut tax-xorb ġewwa l-Belt. L-ieħor kien il-ħabib tiegħu Peppi Balzan.

Il-Maġġur qasam il-kunjom Balzan, biex fin-nofs deffes il-kunjom Frendo. Hekk twieled l-isem ta' dan il-marċ-BALFRENDOZAN - marċ tant brijuż u li jinsab fl-arkivji ta' ħafna mis-Soċjetàjiet tal-baned li nsibu Malta u Għawdex.

Insibu miktub, li dwar dan il-marċ, darba fost l-oħrajn, is-Tony Polidano, allura ex-kaxxier tas-Soċjetà Kings Own, jirrakkonta kif darba għadda kumment lil Maġġur u qallu

*" Kemm hu sabiħ dan il-marċ! "*

Il-Maġġur, kient pront u wieġbu,

*"Sewwa qed tgħid Tony; li kelli mmut u jdaqquh, kif nisimgħu nerġa nqum"*

Daqstant, dan il-marċ kien marbut ma' qalb il-Maġġur.

Mhux soltu tiegħi li meta nikteb xi noti dwar xi marċ, nikteb dwar il-mewt tal-kumpożitur. Imma din id-darba ser ikolli nagħmel eċċezzjoni. Il-marċ Balfrendozan, għadu rabta qawwijia mal-funeral tas-Surmast, Il-Maġġur Anthony Aquilina. Huwa ħalla din id-dinja nhar il-21 ta' Settembru, tas-sena l985 fl-għomor ta' 79 sena. Fil-funeral akkumpanjatu l-banda, li tant ħadem biex titwaqqaf, il-Banda Sant'Antnin ta' Birkirkara. Waqt il-funeral il-banda daqqet marċi funebri, imma mhux biss, daqqet il-marċ brijuż Balfrendozan. Din kienet ix-xewqa tas-Surmast il-Maġġur Anthony Aquilina, li tinsab mniżżla bil-miktub fit-testment li ħalla.

Kien għal ħabta tas-sena l994, li dan il-marċ sab ruħu fl-arkivju tas-Soċjetà Filarmonika Prekusur tax-Xewkija. Dan sar bil-ħidma tal-arkivista u bandist tal-istess soċjetà, is-Sur M'Angelo Camilleri.

Indaqq għal ewwel darba mill-banda Prekursur tax-Xewkja, fis-sena l996, fil- festi ta' San Ġwann Battista li jiġu ċċelbrati ta' kull sena, ix-Xewkija.

Ma setax jonqos li marċ Balfrendozan ntlaqa' tajjeb ħafna mix-Xewkin delittanti tal-marċi. Dan il-marċ kompla jżid mal-lista twila ta' marċi li ħarġu mill-pinna tas-Surmast Il-Maġġur Anthony Aquilina, li nsibu fl-arikivju tas-Soċjetà Prekursur.

Balfrendozan, jinsab irrekordjat fuq il-kasett bl-isem ta' Allegrija, li jġib in-numru 16. Il-Banda Prekusur kienet taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur Andrew Coleiro.

**Biblijografija:**

"Il-Maggur Anthony Aquilina
Is-Surmast tal-marci maltin" - Victor Galea.